MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2014

Numru. 1046/2005

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Martin Bayliss)**

**vs.**

**Richard Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Richard Spiteri ta' 34 sena, bin Joseph u Emmanuela nee' Seguna, imwieled Sliema nhar il-05/07/71, residenti fil-fond Nozlaf Garage, Triq Guzeppi Despott, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 294472M

Akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn is-17 u t-18 ta’ Settembru 2005, gewwa Triq Guseppi Demicoli, San Pawl il-Bahar ghal habta ta’ nofs il-lejl (23.45 hrs),

a) Kiser il-mistrieh tan-nies b’ghajjat
b) Hedded lil Paul Aquilina bi kliem
c) F’lok pubbliku saq vettura waqt li kien taht l-influenza tax-xorb alkoholiku
d) Bla hsieb li jisraq u/jew li jghamel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretenda li kellu fixkel lil Paul Aquilina
e) U fl-ahhar talli volontarjament hassar u/jew ghamel hsara lil vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAJ 254 ghad-detriment ta’ Paul Aquilina, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50.00), izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500.00).

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta’ l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li sa mill-ewwel seduta, cioe dik tat-3 ta’ Marzu 2006, l-avukat difensur eccepixxa in linea preliminari l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem.*

Semghet ix-il-xhieda u rat l-atti u d-dokumenti kollha rigward din l-eccezzjoni preliminari;

Semghet it-trattazzjoni tad-difiza fuq din l-eccezzjoni preliminari.

Rat li l-prosekuzzjoni giet moghtija diversi opportunitajiet minn din il-Qorti sabiex taghmel is-sottomissjonijiet taghha fuq din l-eccezzjoni preliminari, jew oralment jew bil-miktub, imma dan nonostante l-prosekuzzjoni baghqet inadempjenti.

Ikkunsidrat:

Huwa pacifiku li fis-16 ta' Frar 2006, din il-Qorti diversament preseduta tat sentenza fl-ismijiet premessi li taqra hekk:

*"Il-Qorti,*

*Rat l-akkuzi kif migjuba kontra Richard Spiteri u cioe talli fis-17/09/2005 ghall-habta tal-23:45hrs gewwa Triq Giuseppi Despott, San Pawl il-Bahar:*

1) *Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies b'ghajjat;*
2) *Hedded lil Paul Aquilina bi kliem;*
3) *F'lok pubbliku saq il-vettura waqt li kien taht l-influwenza tax-xorb alkoholiku;*
4) *Bla hsieb li jisraq u/jew jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita jedd li ppretenda li ghandu fixkel lil Paul Aquilina.*

*Rat illi l-pulizija ma gabet ebda provi f'dan ir-rigward.*

*Tillibera lil Richard Spiteri fuq nuqqas ta' provi."*

Huwa ovvju li l-ewwel erba' imputazzjonijiet fil-kawza odjerna huma identici ghal dawk gia decizi fis-sentenza tas-16 ta' Frar 2006, filwaqt li l-hames imputazzjoni (imputazzjoni 'e') hija gdida u cioe li l-imputat ikkaguna hsara lill-vettura ta' Paul Aquilina.

Fit-trattazzjoni orali, id-difiza sejset l-eccezzjoni taghha tan-*ne bis in idemedem* fuq l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni.

L-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi: *"Wara sentenza li f'kawża tillibera imputat jew akkużat, dan ma jistax għall-istess fatt ikun suġġett għal kawża oħra."*

L-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jippreskrivi illi *"Ebda persuna li turi li tkun għaddiet proċeduri quddiem xi qorti kompetenti għal reat kriminali u jew tkun ġiet misjuba ħatja jew liberata ma għandha terġa' tgħaddi proċeduri għal dak ir-reat jew għal xi reat kriminali ieħor li għalih setgħat tiġi misjuba ħatja fil-proċeduri għal dak ir-reat ħlief wara ordni ta' qorti superjuri mogħti matul il-kors ta' appell jew proċeduri ta' reviżjoni dwar iddikjarazzjoni ta' ħtija jew liberazzjoni;… …"*

Ovvjament mhix il-kompetenza ta' din il-Qorti li tinterpreta xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni. Pero il-Qorti tirrileva illi fis-sentenza **Il-Pulizija v. Mahmud Abudumehdn Tarek** deciza fis-26 ta' Lulju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[1] irriteniet hekk: *"Kif inhu risaput, ir-regola tan-ne bis in idem kif espressa f'dana l-artikolu* (l-Artikolu 527 tal-Kodici Kriminali) *hija aktar wiesgha minn kif formulata fl-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni. Filwaqt li l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jitkellem dwar "reat kriminali" u japplika d-dottrina tan-ne bis in idem ghal dak ir-"reat kriminali" partikolari li tieghu dak li jkun ikun gie misjub hati jew illiberat u ghal "reati kriminali" ohra komprizi u involuti f'dak ir-reat kriminali partikolari, l-Artikolu 527 jitkellem dwar "l-istess fatt".*

Il-**Prof. Anthony Mamo**, fin-noti tieghu dwar il-procedura kriminali jghid hekk:[2] *"The rule is plain: but considerable difficulties may arise in its application. What is particularly essential is to have a notion of what the law means by the <u>same fact</u>. In "Rex vs. Agata Mifsud et" (15/5/18) Law Reports Vol.XXIII-I-1077, H.M.s Criminal Court said: "Per giudicare se si tratti di fatti identici o diversi, bisogna esaminare se il corpo del delitto rimanga lo stesso, pur cambiandosene la qualificazione, o in altri termini, se la materialita del fatto rimane inalterata malgrado la diversa qualificazione legale che gli venga attribuita." In other words, if the <u>fact</u> on which the subsequent charge is made is the same as that in respect of which the previous judgement was given, the plea lies notwithstanding that the subsequent charge is an offence different from that charge in the previous trial. In the case above-quoted, the previous charge against the defendants had been of adultery and they had been found guilty but exempted from punishment on account of tacit remission on the part of the complainant. Relying on the same facts the prosecution charged them again with defilement of minors. The Court admitted the plea of "res judicata" because the <u>fact</u> was substantially the same even though certain circumstances not mentioned in the previous indictment were included in the subsequent indictment. … …"*

[1] *Per* Imhallef V. De Gaetano.
[2] Ara **Notes on Criminal Procedure** pag. 43 *et seq.*

Il-**Prof. Mamo** ikompli jispjega illi:[3] *"It may happen that one and the same fact may give rise at the same time to violations of several provisions of the law so as to create several grounds of incrimination. By "fact" it was explained in "Rex v. Rosaria Protellli" (C.C. 23/2/1904 – Law Reports, Vol. XIX, p. IV, p.1) – "La legge intende il fatto principale in quanto meritevole di pena, o come altri si espresso non intende il fatto semplicemente storico o naturale nei suoi diversi momenti ma il fatto giuridico nel suo complesso." In any such case if the agent is tried for any one of the several violations of law arising out of that fact, be it even the least serious, and a judgement is given, it shall not be lawful to subject the agent to another trial for the more serious violations. This principle, first expressly affirmed in "Rex v. Portelli" above*-quoted, has since become settled law. ... ...

*But it must be strongly emphasized that for the plea to succeed the fresh proceedings must be based on the very same fact. (Cr. App. "Pol. vs. Piscopo" 21/3/1953). The mere circumstance that an act is done more or less at the same time (nello stesso contesto) as another act does not necessarily mean that they constitute one and the same fact, if the two are materially distinguishable as separate events (v. Cr. App. "Pol. vs. Saliba 28/02/1953 and "Pol. vs. Cassar" 9/1/1954; cfr. also Cr. App. "Police vs. Attard" 17/06/1950.) ... ..."* (sottolinear tal-awtur)

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Salvatore Saliba** deciza fit-28 ta' Frar 1953, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] irriteniet hekk:

*"Biex jista' jinghad li hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni minhabba sentenza precedenti, hemm bzonn li jkunn jkun l-istess fatt, fizikament rigwardat (ara art. 521 Kap.12[5]). Ma hux bizzejjed li jinghad li sar fl-istess kontest ta' azzjoni, u intant ikun materjalment distingwibili.*

*F'dan il-kaz, l-imputat ingurja lil Rosina Gauci u, sija pure immedjatament wara, ibbestemmja bl-isem tal-Madonna, skond ix-xhud tal-akkuza u salva kull prova tieghu fil-meritu. Kien hemm ghalhekk zewg fatti, materjalment distingwibili, ghalkemm fl-istess kontest ta' azzjoni fis-sens ta' sekwenza immedjata;*

---

[3] Ara *ibid.* pag. 45.
[4] *Per* Imhallef W. Harding, Vol. XXXVII (D) -IV-1044
[5] Illum l-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9.

*Il-kaz oppost jillustra d-distinzjoni bejn kaz u iehor. Dan kien il-kaz "Pulizija vs Giuseppe Pace") deciz minn din il-Qorti fit-28 ta' Jannar 1939. Pace kien imsejjah biex jirrispondi ghall-imputazzjoni ta' storbju bl-ghajjat u gesti oxxeni. Hu kien gia gie kundannat f'kawza privata talli ngurja lil certa Busuttil. Irrizulta li l-kliem ingurjuzi pproferihom b'lehen gholi, u li l-ingurja kienet tikkonsisti f'dawk il-kliem li hu qal jghajjat u f'dawk il-gesti. Issa, peress li l-imputazzjoni ta' storbju kienet in riferenza ghall-ghajjat ta' dawk il-kliem ingurjuzi u l-gesti kienu dawk l-istess gesti ngurjuzi ghall-indirizz ta' Busuttil, ghalhekk il-fatt f'dan il-kaz kien l-istess materjalment u kien hemm l-estinzjoni ta' l-azzjoni. Hi cara d-differenza mill-kaz presenti."*[6]

Fis-sentenza **Il-Pulizija v. Philip Ciantar** deciza fid-9 ta' Dicembru 1961, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] regghet irribatiet hekk: *"Issa, ghalkemm hu veru li bil-kelma "fatt" il-ligi tintendi mhux biss il-fatt semplicement storiku jew naturali, imma anki guridiku (Kollez. Vol. XIX-IV-1), b'mod illi jekk il-fatt naturali jaghti lok ghal diversi mputazzjonijiet, id-deduzzjoni ta' titolu ta' reat wiehed hija ta' ostakolu ghad-deduzzjoni ta' titolu ta' reat iehor fuq l-istess fatt, hu ugwalment veru, pero, li jekk il-fatt naturali hu divers, allura ma jistghax ikun hemm lok ghal "non* (recte ne) *bis in idem.".*

Meta wiehed japplika dawn il-principji ghall-kaz odjern jirrizulta li ghall-imputazzjonijiet a, b, c u d fic-citazzjoni odjerna, hemm l-ostakolu tal-gudikat, ghax huma identici ghall-erba' imputazzjonijiet li minnhom gie liberat bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tas-16 ta' Frar 2006.

Pero l-istess konsiderazzjonijiet ma japplikawx ghall-imputazzjoni (e) fic-citazzjoni odjerna, u cioe li l-imputat allegatament ikkaguna hsara volontarja fuq il-vettura ta' Paul Aquilina. Ghalkemm dan il-fatt allegatament sehh fil-kontest tal-erba' imputazzjonijiet l-ohra, u cioe ta' ghajjat, theddid, sewqan taht l-influwenza ta' xorb alkoholiku u r-reat ta' *ragion fattasi*, l-allegat reat ta' hsara volontarja hu reat, hu fatt materjalment distingwibbli, mill-fatt tal-erba' (4) imputazzjonijiet l-ohra, ghalkemm dan il-fatt seta' gara fl-istess kontest ta' azzjoni, fis-sens ta' sekwenza immedjata.

---

[6] Ara fl-istess sens is-sentenza fl-ismijiet **Stella Schembri v. Anthony Cassar** deciza fid-9 ta' Jannar 1954 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) *per* Imhallef W. Harding, Vol. XXXVIII (C) -IV-778.
[7] *Per* Imhallef W. Harding, Vol. XLV(E)-IV-1097.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 527 tal-Kapitolu 9, tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tiddikjara li hemm l-ostakolu tal-gudikat fil-konfront tal-imputazzjonijiet 'a', 'b', 'c' u 'd' u qieghda tillibera lill-imputat minnhom, tiddikjara li m'hemmx l-ostakolu tal-gudikat fil-konfront tal-imputazzjoni 'e', u ghaldaqstant tordna l-prosegwiment ta' dawn il-proceduri kriminali skont il-ligi kontra l-imputat limitatament fil-konfront tal-imputazzjoni 'e'.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------